MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1985/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Camilleri Paul**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta’ Ottubru, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210.00) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200.00) import ta’ tmin (8) kambjali mmarkati Dok, I, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8 u li d-data ta’ maturita taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bhala imghaxijiet legali dovuti mill konvenut fuq l-istess sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut giet regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut hallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u ghaxar liri maltin u (Lm210), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------